



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Frar 2019
(OR. en)

6578/19

CH 15
AELE 23
MI 175

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fid-19 ta' Frar 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera

1. F'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Frar 2017 u l-11 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill ivvaluta l-istat ġenerali tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera. Il-Kunsill ser jerġa' jivvaluta l-istat ta' dawn ir-relazzjonijiet, kif ukoll dawk mal-pajjiżi l-oħrajn tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex membri tal-UE, sa tmiem l-2020, kif xieraq.
2. L-UE u l-Iżvizzera huma alleati mill-qrib u sħab ekonomiċi ewlenin. Il-livell ta' interdipendenza ekonomika bejn l-UE u l-Iżvizzera huwa konsiderevoli, kemm f'termini ta' negozju ta' oġġetti kif ukoll servizzi u investiment dirett. Fl-istess ħin, il-kooperazzjoni tagħna tmur lil ħin ħafna mill-benefiċċji ekonomiċi u kummerċjali reċiproċi, billi tkopri spettru wiesa' ta' oqsma li jvarjaw mill-ġustizzja u l-affarijiet interni għar-riċerka, l-edukazzjoni u t-trasport, li kollha huma ta' benefiċċju sinifikanti għaż-żewġ naħat. Fl-aħħar sentejn, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera komplew jintensifikaw.
3. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar kwistjonijiet internazzjonali, billi jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku f'fora multilaterali, f'oqsma bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-protezzjoni ambjentali, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja kriminali internazzjonali, il-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, id-demokrazija, u l-iżvilupp sostenibbli jew billi jippreservaw is-sistema ta' kummerċ multilaterali. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni mill-qrib fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, u jilqa' l-iffirmar fit-28 ta' April 2017 ta' Arrangement Amministrattiv bejn il-Kummissjoni (ECHO), l-Aġenzija Żvizzera għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni, u l-Uffiċċju Federali għall-Protezzjoni Ċivili.

4. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-iffirmar fit-23 ta' Novembru 2017 tal-arranġament bejn l-UE u l-Iżvizzera li jorbot l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom u jistieden lill-partijiet biex jiffinalizzaw il-proċeduri meħtieġa biex jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun. Billi joħolqu suq tal-karbonju aktar wiesa' flimkien, l-UE u l-Iżvizzera qed juru l-impenn b'saħħtu tagħhom biex jilħqu l-oġġettivi li ttieħdu taħt il-Ftehim ta' Pariġi.
5. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni mal-Iżvizzera dwar kwistjonijiet tal-PESK u b'mod partikolari l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'missjonijiet tal-PSDK, eż. fl-Ukrajna, is-Sahel u jinkoraġġixxi lill-Iżvizzera biex issaħħaħ dan l-appoġġ. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota l-allinjament volontarju tal-Iżvizzera mal-miżuri restrittivi tal-UE skont xi jkun il-każ u jinkoraġġixxi lill-Iżvizzera biex tkompli bl-applikazzjoni mill-qrib u konsistenti tal-miżuri restrittivi inkluż il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tagħhom.
6. Il-Kunsill jirrikonoxxi b'sodisfazzjoni l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iżvizzera fil-qasam tal-migrazzjoni internazzjonali inkluż il-ġestjoni tal-flussi, ir-rilokazzjoni tar-refuġjati u l-iżvilupp ta' governanza fil-livell globali. Huwa jinkoraġġixxi lill-Iżvizzera biex tkompli bil-kooperazzjoni tagħha tul ir-Rotot tal-Mediterran tal-Lvant, Ċentrali u tal-Punent u jirakkomanda aktar koordinazzjoni tal-isforzi.
7. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni tagħha mal-acquis ta' Schengen u ta' Dublin, l-Iżvizzerta tkompli tapplika l-acquis b'mod effiċjenti. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-iffirmar fit-8 ta' Novembru 2018 tal-arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, eu-LISA. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar il-EURODAC u d-Deċiżjonijiet Prüm dwar il-kooperazzjoni msaħħa tal-pulizija sabiex jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-kriminalità internazzjonali, kif ukoll l-adozzjoni tal-ftehim dwar regoli supplementari marbutin mal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna fl-2014-2020. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kooperazzjoni kostruttiva u pożittiva tal-Iżvizzera, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni.

8. Ir-relazzjoni ta' benefiċċju reċiproku tagħna timplika responsabbiltà kondiviża għas-suċċess fit-tul u s-sostenibbiltà tagħha. Il-Kunsill itenni li, billi tipparteċipa f'partijiet tas-suq intern u tal-politika tal-UE, l-Iżvizzera ma tkunx qed tinvolvi ruħha biss f'relazzjonijiet bilaterali iżda tkun qiegħda wkoll issir parteċipant f'żona ekonomika komuni, li titlob li jiġu aċċettati regoli u infurzar komuni. Mill-2008, permezz ta' settijiet suċċessivi ta' konklużjonijiet, il-Kunsill enfasizza li s-sistema preżenti ta' ftehimiet bilaterali laħqet il-limiti tagħha, minħabba l-komplessità tagħha, in-natura mhux kompluta tagħha u n-nuqqas ta' kondizzjonijiet omoġeni li jirriżulta għaċ-ċittadini u n-negozji fl-oqsma tas-suq intern li tipparteċipa fihom l-Iżvizzera.
9. F'Mejju 2014, l-UE u l-Iżvizzera daħlu f'negozjati dwar qafas istituzzjonali komuni għal ftehimiet eżistenti u futuri, bil-ħsieb li jikkonsolidaw l-approċċ bilaterali u biex jiżviluppaw is-sħubija komprensiva bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera sal-potenzjal sħiħ tagħha. Wara aktar minn erba' snin, in-negozjati waslu f' tmiemhom fl-aħħar tal-2018. In-negozjaturi sabu soluzzjonijiet ġusti u bilanċjati f'oqsma bħar-regoli għall-adozzjoni dinamika tal-*acquis* tal-UE mill-Iżvizzera, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni indipendenti tat-tilwim u d-dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata aktar ċertezza legali, kif ukoll kondizzjonijiet ugwali għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi tagħna. Il-Kunsill jiddispjaċih ħafna li l-Kunsill Federali Żvizzeru ma approvax dan l-eżitu f'Diċembru 2018 u jappella lill-Kunsill Federali sabiex jappoġġa t-test negozjat tal-Ftehim Qafas Istituzzjonali u jippreżentah għall-adozzjoni lill-Assemblea Federali hekk kif tkun tlestiet il-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fir-rebbiegħa tal-2019. Il-Kunsill jenfasizza li l-konklużjoni tal-Ftehim Qafas Istituzzjonali abbażi tat-test preżenti hija prekondizzjoni għall-UE għall-konklużjoni ta' ftehimiet futuri dwar il-parteeipazzjoni Żvizzera fis-suq intern tal-UE kif ukoll element essenzjali biex tittieħed deċiżjoni dwar aktar progress lejn aċċess għas-suq li jkun ta' benefiċċju reċiproku. Dan għandu jippermetti l-konsolidazzjoni tal-approċċ bilaterali, b'tali mod li jiġu żgurati s-sostenibbiltà tiegħu u l-iżvilupp ulterjuri.

10. Il-Kunsill itenni li l-moviment liberu tal-persuni huwa pilastru fundamentali tal-politika tal-UE u li s-suq intern u l-erba' libertajiet tiegħu huma indiviżibbli. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifaħħar lill-Iżvizzera għall-isforzi impenjati tagħha biex timplimenta r-risultat tal-inizjattiva popolari "Kontra l-Migrazzjoni tal-Massa" tad-9 ta' Frar 2014 b'mod li huwa kompatibbli mad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE skont il-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni (FMPA). Il-Kunsill jilqa' l-konferma tal-Iżvizzera li, wara l-adozzjoni ta' ordinanza ta' implimentazzjoni tat-8 ta' Diċembru 2017, dawk li qed ifittxu x-xogħol fl-UE u ż-ŻEE ser ikunu jistgħu jirreġistraw maċ-ċentri reġjonali tal-impjiegi. Madankollu, il-Kunsill jiddispijaċih dwar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Iżvizzera fis-7 ta' Diċembru 2018 biex testendi l-miżuri tranżizzjonali tal-ħaddiema Kroati u l-Kroati li jaħdmu għal rashom għal aktar mill-perijodu inizjali ta' sentejn, u għalhekk jistieden lill-Iżvizzera biex tikkunsidra li tqassar il-perijodu ta' applikazzjoni ta' dawn il-miżuri tranżizzjonali.
11. Il-Kunsill, permezz ta' settijiet suċċessivi ta' konklużjonijiet fl-2012, l-2014 u l-2017, appella lill-Iżvizzera biex tinvolvi ruħha f'negozjati dwar it-tiġdid tal-kontribuzzjoni finanzjarja għat-tnaqqis tad-differenzi soċjali u ekonomiċi fl-UE li għandhom ikunu proporzjonati mal-benefiċċji sinifikanti li l-Iżvizzera tieħu mill-parteeċipazzjoni tagħha fis-suq intern. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-adozzjoni mill-Kunsill Federali Żvizzeru fit-28 ta' Settembru 2018 tal-proposta għat-tieni kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera lill-UE. Din it-tieni kontribuzzjoni, li għandha tiġġedded fuq l-istess bażi ta' dik maqbula fil-Memorandum ta' Qbil tal-2006, hija parti integrali mir-relazzjoni ġenerali bejn l-UE u l-Iżvizzera u hija wkoll maħsuba biex tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-UE. Il-Kunsill jistenna adozzjoni fi żmien qasir u bla kondizzjonijiet tal-proposta mill-Assemblea Federali Żvizzeri. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li tinżamm kooperazzjoni koordinata f'dan il-qasam f'konformità maċ-ċiklu ta' programmar pluriennali tal-UE.

12. L-UE u l-Iżvizzera jkomplu jgawdu minn relazzjoni kummerċjali b'saħħitha u stabbli, li jibbenefikaw minnha ż-żewġ naħat. Madankollu, il-ftehim ta' kummerċ ħieles tal-1972, li huwa l-bażi tar-relazzjoni ekonomika mill-qrib tagħna, ma ġiex aġġustat għall-iżvilupp fir-regoli internazzjonali tal-kummerċ minn dakinhar. Għaldaqstant, il-Kunsill jappella biex tibda t-triq għall-modernizzazzjoni tal-ftehimiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-ftehim ta' kummerċ ħieles. Jenħtieġ li jiġi indirizzat b'mod urġenti l-aċċess imtejjeb għas-suq Żvizzeru għall-operaturi mill-UE, b'mod partikolari fis-setturi agroalimentari u tas-servizzi.
13. Il-Kunsill itenni t-tħassib tiegħu dwar l-implimentazzjoni inkonsistenti ta' ċerti ftehimiet u l-applikazzjoni mill-Iżvizzera ta' miżuri u prattiki leġislattivi sussegwenti li mhumix kompatibbli ma' dawk il-ftehimiet, b'mod partikolari mal-FMPA. F'dan il-kuntest, il-Kunsill iħegġegħ lill-Iżvizzera sabiex tieħu kontroll tal-*acquis* rilevanti tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-ħaddiema stazzjonati, u sabiex tħassar jew tadatta miżuri ta' akkumpanjament li l-Iżvizzera tapplika għall-operaturi ekonomiċi tal-UE li jipprovdu servizzi fit-territorju tagħha, f'konformità mal-prinċipji tal-UE tal-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni.
14. Il-Kunsill jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni tal-kontijiet finanzjarji fl-1 ta' Jannar 2017 u l-ewwel skambji awtomatiċi bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-UE li saru f'Settembru tal-2018.
15. Il-Kunsill jilqa' d-djalogu miftuħ mal-Iżvizzera u ser ikompli jissorvelja l-progress li sar biex jitwettqu r-riformi rilevanti previsti sa issa biex jiġu indirizzati kwistjonijiet identifikati mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni mill-Assemblea Federali Żvizzeri fit-28 ta' Settembru 2018 tal-leġislazzjoni li tieħu post ċerti reġimi u prattiċi tat-taxxa preferenzjali li jikkostitwixxu kompetizzjoni tat-taxxa dannuża b'sett ġdid ta' miżuri aċċettati internazzjonalment, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Iżvizzera dwar kwistjonijiet tat-taxxa tal-kumpanniji. Il-Kunsill jappella għall-promulgazzjoni rapida tar-riforma.